Il-komunitajiet tagħna - posthom fejnu?
Diskors ta’ Dr. Marie Briguglio
Fl-okkażjoni ta’ 100 sena ta' Parlament Malti -Taħdita dwar “Il-komunitajiet tagħna - post fejn il-bniedem jisseddaq - X'sehem kellu u jista' jkollu l-Parlament?”
Fil-Parlament ta’ Malta
Valletta
24.09.2021

---

Il-mistoqsija tat-taħdita tal-llum hija waħda pjuttost twila: 'Il-komunitajiet tagħna - post fejn il-bniedem jisseddaq. X’sehem kellu u jista’ jkollu l-Parlament f’dan ir-rigward?”

Mistoqsija important li hemm ħafna x’wieħed jista’ jixtarr dwarha. Nistgħu nistaqsu: x’tipi ta’ kommunitajiet jeżistu haw Malta? Kif qed jinbidlu? Il-barranin qed jintegraw? Il-komunitajiet, kif qed isseddqu l-bniedem? Kemm qed jikkontribwixxu għall-ġid soċjali? Kemm huma rappreżentati mill-parlament? Il-membri tal-parlament iħarsu lil hinn mill- individwu (li wara kollox jivvota) u lejn il-ħtiġijiet ta’ komunitajiet sħaħ? Il-komunitajiet stess jifhmu x’inhu r-rwol tal parlament lejhom?

Ċerta li il-kollegi tiegħi ser jelaboraw fuq dan. Pero mhux hemm ser niffoka jien. Ser niffoka fuq kelma waħda mis-suġġett kollu li nħoss li nista’ nikkontribwixxi għaliha mill-istudji tiegħi dwar ekonomijia u ambjent. Iva, mit-titlu kollu: 'Il-komunitajiet tagħna - post fejn il-bniedem jisseddaq u rwol tal-parlament, ser nieqaf mal-kelma “Post”. Ser nistaqsi *fejn hu dan il-post*? Il-kommunitajiet *fejnu posthom*? Għax jekk m’għandhomx post, kif ser iseddqu l-bniedem? U allura x’jista’ jagħmel il-Parlament f’dan il-każ?

Ieqaf miegħi għal mument u mmaġina il-kommunitajiet haw Malta. Fejnhom? Forsi ġewwa xi każin, fis-sala tal-knisja, fil-klabb tal-futbol? Forsi fuq l-internet f’xi grupp fuq facebook, Instagram, jew xi chat? Forsi barra fil-pjazza, il-bandli, fuq il-bankina?

Ibqa’ hemm. Żomm għajnejk fuq dawn l-ispazji pubbliċi urbani fejn tiltaqa’ il-kommunita’: fejn jinġabru b’mod spontanju il-ġara, iż-żagħżagħ, it-tfal, ix-xjuħ. X’qed iġġib quddiem għajnejk? Jekk għandek saqajk ma’ l-art, allura fil-pjazzez qed tara l-karozzi, l-mwejjed tar-ristoranti, dħaħen; fejn il-bandli qed tara bankijiet sħan fix-xemx, il-gomma ta’ ma’ l-art imqaxxra; u fuq il-bankina? Jekk tezisti, x’aktarx qed tinduna li hi maħmuga, imkissra, taħt xi sit tal-kostruzzjoni, mimlija ostakli u diżordni.

Imma għaliex? Ghaliex għamilna proġetti kbar u lussużi, proġetti kumplessi u għaljin, imma din il-biċċa infrastrutura umli le? Kif irnexxilna inġibu l-pajjiż indipendenti, indaħħluh fl-Unjoni Ewropeja, nagħmlu riformi sħaħ, niddiskutu il-kostitizzjoni, ġustizzja, is-saltna tad-dritt u din il-problema għadna ma sibniex tarfha? Jien stess ġejt hawn darbtejn niddiskuti idejat ambizzjuzi bħall-Indiċi tal-kwalita’ tal-ħajja għal Malta. Imma allura kif oġġett daqshekk bażiku għadna ma sibniex tarfu?

Forsi għandi risposta. L-ewwel net, għax il-bankina hi ta’ kulħadd u allura ma hi ta’ ħadd. Dik li fir-riċerka tiegħi insejhilha 'no man's land'. It-tieni, għax il-ġid privat qed jirbaħ fuq il-ġid komuni - il-flus fil-but qed intuhom iktar important mis-soċjo ekonomija iktar wiesgħa. It-tielet forsi għax l-għaġla qed tirbaħ fuq l-isforz li niġbdu ħabel wieħed.

Ipermettuli niċċara li l-umli bankina għandha sehem kbir fil-kommunita'. Il-bankina hija l-pont bejn ġewwa u barra, bejn l-individu u s-soċjal. Hija dik li mezz li tgħaqqad komunita' m' oħra. Dik li ttik il-liberta' li tkun uman mhux bil-fors magħluq ġo magna biex tasal. Hija dik li tissejjaħ *public good*.

U allura l-appell tiegħi illum huwa sempliċi. Mill-agenda kollha li illum stajt iffukajt fuqha f'dan l-ogħla istituzzjoi tal-pajjiż, fl-okkażjoni tal-mitt sena tal-parlament Malti, illum għazilt li nieqaf fuq kelma wahda biss: "POST". U minn dak kollu li stajt għidt fuq l-ambjent kollu, illum waqaft ma' l-għatba tal-bieb, fuq il-bankina. Ic-*cinderalla* ta' l-infrastruttura f'Malta.

Biex forsi nagħti ideja iktar ċara ta' x'għandu jsir, ktibt għaxar kmandamenti għall-bankini surit-in-nies f'Malta. Dawn huma: 1. La ddejjaqx il-bankina biex twessa' triq; 2. La tibnihiex bl-addoċċ; 3. La tifqahiex bil-pilastri u infrastruttura; 4. La ġġarafix bil-kostruzzjoni; 5. La tħammiġiex bl-iskart u ħmieġ ta' l-annimali; 6. Li timlihiex bil-boroż taż-żibel; 7. La taħtafiex bl-imwejjed u l-kummerċ; 8. La tirfisiex bil-karozza; 9. La tifgaħiex bid-dħaħen; 10. La tinsihiex fl-ippjanar.

U sehem il-parlament f'dan kollu? Fuq dan kollu nistgħu nilleġiżlaw, ninfurzaw, inwaqqfu istituzzjonijiet u kumitati bejniethom, u nżidu l-għarfien. Hekk per eżempju qed nagħmel jien illum hawnhekk f'din ix-xandira fuq l-istazzjoni televiżiv tal-parlament.

Issa kieku naħtru kumitat parlamenteri, bi iskop iffukat li jindirizza dan l-ispazju, bis-sehem tal kommunita stess, ma tkunx ideja tajba? Forsi nibdew mill-belt stess, anzi minn quddiem il-parlament. Inneħħu l-barrieri u nibqgħu mixjen fuq il-bankina dawra ma' Malta kollha sakemm ngħaqqdu il-komunitajiet kollha? Kieku ma taħsbux li jkollna iktar post għal kommunita haw Malta?

Grazzi